# IN-NAHLA

TA'

## AGOSTINO LEVANZIN

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU

*Ille tulit punctum qui miscuit utile dulci.*

**Giebha żeuġ dac li gharaf hallat il helu ma'l mehtieġ.**

IL POETA LATIN ORAZJU.

**9.** **31 TA' OTTUBRU 1908.** **L-EUUEL SENA**

# TONI XCORA

Għadu katt fl-istorja tagħna ma chien hemm żmien li fih il ktil u il ferimenti chienu hecc ta' cull mument u għal cull xejn bħal daün l-aħħar sentejn. M'il ġurì ta' Paris l-haün il pajjis ma nafx x'daħallu, xegħel għal collox u id-delitti l-actar ħorox saru il moda ta'cull jum tant li, tista tgħid, cullħadd drahom u ftit jati cas meta jiġru. Barra minn dana ta'Xcora hemm xi ħames ġurinijiet oħra ta'l meüt. Għarucaża, cbira ucoll!

Chienu biċċa minn da'd-delitti takrahom f'romanz tgħid li l-aütur cabbarhom biex jogħġob lil min jakra, iżda meta tismaħhom b'ix-xieda taħt ġurament, ma tistax ħlief titchex-chex b'il ħruxija tagħhom. Cullħadd icollu x'igħid f'id-dinja; ma tgħaddix ġurnata li ma nakilgħux b'il ħarta minn xi ħadd, għandna għalecc nakbdu is-sicchina u natu biha chif giè giè? Le ma jmissniex; iżda m'hux hecc ħasibha Ninu Xcora li għa't-tort li jrcieva m'il għarus ta' bintu, tħallas billi ċap-pas idejh b'id-demm, billi għamel delitt m'il l-actar coroħ u ħorox.

Cullħadd għadu jiftacar chif kamet Malta xeüüiexa üaħda, chif il poplu collu xtak jitħallas b'idejh stess, dic inhar li Xcora għamel għarbiel lil Żubbatu b'erbatax il dakka ta' sicchina, f'nofs ta' triek, kuddiem cullħadd. Chienu is-6 ta' Dicembru li għadda, u għad li għaddeü għaxar xhur il poplu għadu imüaġġa sa'l-lum għal dan id-delitt icreħ. Jiena sejjer ingib ħaġa b'ħaġa, x'intkal ma tul il ġurì collu; b'hecc tcunu tafu chif ġara il fatt aħjar mn m'hux fuk il għajdud ta'n-nies li jħaüüdu collox chif jidrilhom, u biex il kari ta' dana il fatt icreh u li jchexchex jisüielcom b'tagħlima chemm hu tajjeb li üieħed igħix b'il għakal u b'il ġabra. Ninu chien fad-dal sold ġmielu, seta jgħix b il qüiet u ta' sinjur miġbur ma' bintu, iżda il mistħut vizzju ta'l-logħob ricbu u m'hux biss taj-jar cull ma chellu iżda üasal biex rahan id-deheb ta's-seftura stess. Chiecu l-imsejcna bintu ma chienitx iġġarrab iż-żeüġ dakkiet ta' sicchina ħorox li tara lil dac li chienet tħobb kalbha imgħargħar f'demmu, maktul minn missierha stess, u il missierha mneħħi bl-actar meut ħarxa u infami. Cullħadd jaf li l-Avucati ta' Ninu talbu l-eżami ta't-Tobba-Periti biex jaraü jecc Xcora chellux moħħu maħsus sa chemm għamel delitt bħal dac f'nofs ta' triek u b'dic il ħruxija collha. Tafu ucoll li it-Tobba üara li eżaminaüh għal żmien tüil kalu, b'fehma üaħda, li Ninu ma chellu l-ebda ħjel ta' ġenn, u li hu cull ma għamel għamlu għal għatx ta'd-demm.

Üara li tellgħuh chemm il darba kuddiem il Korti fl-aħħar, üara għaxar xhur tcarchir, f'is-19 ta' dana, beda il ġurì li kankal Malta bi ħġarha.

Ninu ingieb fl-isbarra; għal min ma rahx jeü ma jafux ingħarrfu li Ninu hu ragel b'saħħtu, mibrum sħieħ, actarx ruxxan u demmu jiġbdec. Chellu dakka ta 'erbgħin sena. Fejn Ġużè Camenzuli, il mejjet, Ninu chien ġorf, għaliex Ġużè chien dgħajjef u ma chellux actar minn ħamsa u għoxrin sena. Stella, it-tifla ta' Ninu ħi, bla ma chellha tant ħtija, chienet il caġun ta'l inqüiet collu, għandha għad xi erbatax il sena, u f'dana iż-żmien li jmissu mfeüüaħ b'il hena ta'l ħajja ġarrbet tant imrar u tant taktieħ ta' kalb li ħu b'iż-żejjed biex jifniha u jitfagħha go kabar. Il ġurì beda f'id-disgħa ta' fi'l għodu ta's-19 ta' Ottubru li aħna fih.

Ftit üara id-disgħa dehru l-Imħallfin li chienu: Sir Joseph Carbone, L.L.D., K.C.M.G. President; il Dr. Pullicino u il Baruni Dr. Chappelle-

## ID-DIFIZA.

Kabel ma bdiet id-difiża sejħu lil **Michiel Desira,** bin Michelanġ, biex igħid għand min ħalla il muftieħ ta'd-dar ta' Toni. Dan kal li billi ma sabx lil Toni ħallieh għand Camenzuli.

Il bravu criminalista, il Contur Caruana-Gatto kam fost ħemda cbira għad li is-Sala chienet maħnuka b'in-nies u beda igħid:

Nibda biex ma niċħadx li il ktil għamlu Toni, iżda hu Toni responsabbili talli għamel? Toni ma jridx igħaddi b'miġnun, meta jismagħna ngħidu hecc, jisbel u jagħmel frattarija; dan hu turija li hu miġnun, għaliex l-imgienen katt ma jridu jgħidu li tilfu moħħhom.

Kal illi il-Ligi tippermetti li ùieħed jara seùùa jecc min jagħmel delitt icunx miġnun jeù lè; u hu f'it-tlettax il sena li ilu jiddefendi katt ma ħass bħal d'id-darba il bżonn li jgħid li il min chien kiegħed jiddefend hu miġnun.

Kal li tasseù hemm ir-rapport ta't-Tobba li fih kalu li Toni m'hux miġnun; iżda f'il cas ta' Paris it-Tobba kalu l-istess u il ġurati, ħarġu b'fehma li ma kablitx ma dic ta't-Tobba.

Kal li it-Tobba jistgħu jiżbaljaù. Semma il cas ta' żeùġ tobba famusi franciżi li ftit żmien ilu żelku żelka ħoxna ħafna. Semma il cas ta'x-*Xieħa* li għalchemm it-Tobba kalu li ma chienx miġnun iżda ùera sinjali ta' ġenn tant ċari li ntebaħ cull ħadd. L-istess Tobba f'il bidu ħasbuh huma ucoll cas ta' ġenn u għalecc id-Difensur ma chellu l-ebda tort jecc ħambak u kal li Toni għamel dac id-delitt aħrax għa'x ma chienx f'sessieh.

Kal li lil Toni chienu jatuh l-egħxieùi u ùaħda minnhom tatu kuddiem il Magistrat; kal li chellu demmu tant sħun li giè li chisser il platti fuk rasu, kal li b'it-telf oħxon li tilef f'il-logħob chien ùasal bħal kasba tixxejjer f'ir-rieħ, u dana collu jecc ma chienx juri li hu miġnun chien juri li moħħu ma chienx jaħdem seùùa. Scond il ligijiet ta' Ruma il ħali chien magħdud bħala miġnun, u illum ucoll min jaħli ħùejjġu jgħodduh bħala bniedem bla ras u jneħħulu il jedd tagħhom m'n'idejh.

Kal li Toni katel lil Camenzuli bi ħruxija lima bħala għaliex tah sbatax il dakka ta' sicchina fejn sata joktlu. Dana juri, bħal ma jifhmu aùturi cbar, li f'dac il ħin Ninu ma chienx f'sessieh. U il cliem li kal f'il ħin li katlu juri ucoll li Ninu chien f'saħna li ma chienx jista jifhem b'iż-żejjed x'inhu jagħmel. U għad li neħħeùlu lil Camenzuli minn taħtu baka jati mbajja, b'is-sicchina, fl-art bla ma ntebaħ li Camenzuli ma chienx għadu taħtu. Dana juri it-telfa li chien fiha. Toni chien jħobb lil bintu; it-telfa tiegħu chienet għa'x chien fitt ùisk fiha u cull ma għamel għamlu għa'x ùaħħal f'rasu li Camenzuli ried iħarrabhielu jeù li dana chien ħassarhielu.

Laħku il 10 u għoxrin minuta. Haùn Toni raġa sibel, kal li l-Avucat chien kiegħed igħarrku iżjed, għaliex kal li l-Avucat biex jiddefendieh ma għandux igħid li hu miġnun. Ried iżomm il ġurì u jħallas l-ispejjes collha, basta jkabbad avucat ieħor għaliex dac chien kiegħed jilagħbu u jiddefendieh ħażin. L-Avucat ma satax icompli u talab lil Korti biex issictu hi.

Il Korti sicctitu u billi ratu mbergħen seùùa kiegħditlu ma genbu żeùġ poliżjotti.

L-Avucat ùara li kal li hu ma sefsef bl-ebda mod lil Toni li jagħmel daùc il frattarijiet, compla kal:

Li jecc ùieħed jakra l-ittri ta't-tifla jifhem malajr li Toni ma chellux moħħu f'locu u li hu katt, chiecu ma chienx miġnun, ma chien sejjer itabba isem bintu biex isalva rasu.

F'ùaħda minn daùna l-ittri it-tifla chitbet li missierha chien donnu "indannat" u kalet li heddidha li joktolha, hu li chien tant iħobbha. It-tifla kalet ucoll li "chien donnu mitluf m'id-dinja."

L'Avucat ta'l Curuna stess kal li Ninu għadda il lejl ta' kabel id-delitt iferfer. Dana hu biż-żejjed biex juricom li Ninu chien f'telta cherha meta katel u ma chienx jaf x'inhu jagħmel. Ma ingħidilcomx, ibagħtuh il barra; iżda Ninu ma hux kattiel vili għal l-interess ma ħakkux il ħabs iżda ibagħtuh Uied Incita għaliex hu bniedem imsejchen li tilef moħħu għal collox.

Id-difensur imbagħad kal:— Jecc ma tridux tgħadduh ta miġnun naraù ftit jecc meta għamel id-delitt chellux xi raġun li jagħmlu, u għalecc tcun tisthokklu l-iscuża.

Hadd ma jaf x'għadda bejn Toni u Camenzuli kabel ma Toni beda jilgħablu b'is-sicchina. Xi ħadd semgħu igħidlu: "Trid lil binti. . . . jena noktloc" u lil Camenzuli raùh jidħak f'ùiċċu. Il Korti staksiet min kal dan; l-Avucat ùiegeb: Censa Mifsud. U id-Difensur kal li dic id-daħka f'ùiċċu meta Toni chien hecc mitluf chienet b'iż-żejjed biex tnizżillu bħal għamad u ma tħallieħx jaf x'inhu jagħmel. Toni chien ġa sab ruhu mifrud minn bintu, lil Toni gżaùh f'il Korti li ħakar lil bintu f'il ħin li hu ma saùùathiex ħlief darba biss. Ir-ricors ħarrxu u ħrax iżjed meta ra li bintu għalkitu barra u ħaditlu saħansitra il muftieħ ta'd-dar, u li mbagħad insab għand Camenzuli.

L-Avucat Caruana Gatto saħak ħafna fuk daùna il ħafna circostanzi u kal li meta ùieħed jiehodhom collha f'dakka u jħares lejhom seùùa ma jistax ma jatix l-iscuża lil Toni għad-delitt li għamel. Għalecc jispera li għallinkas, jecc il ġurati ma jgħadduhx ta' miġnun u jibagħtuh Uied Incita, jatuh l-iscuża ħalli ma jitlax il forca bħal dac il bniedem li joktol biex jisrak, b'il ħiena u b'il bruda collha. Fl-istess ħin jitma li jagħmlu ħakk seùùa scond il ħalfa tagħhom u scond ma tnebbaħhom ruħhom.

Id-difiza spiċċat f'nofs inhar seùùa, u cullħadd ħareġ jiftaħar b'id-difiża sabieħa li għamel dana l-Avucat tant intelligenti għad li f'idejh chellu cas imkagħbar ħafna u li ma chellu l-ebda ħajt ta'l chenn biex juri ħiltu aħjar.

## IX-XHUD TA' D-DIFIZA.

Malli spiċċat id-difiża l-Avucati-Difensuri bdeù isejjħu ix-xhud:

**Censa Mifsud** kalet li meta rat lil Toni għand Camenzuli u Xcora chien kiegħed jaħlef u igħidlu li ma iżeùùġux lil bintu, Camenzuli chien b'il kiegħda jidħak.

**Censu Manicolo** kal li chien jaf lil Camenzuli u li ftit tażżmien kabel ma sar id-delitt dan staksieh jecc għandux ùisa f'daru biex iħarrab lil Stella, u li Manicolo ùiegbu li ma riedx jintriga għa'x ma riedx icollu x'jaksam ma Xcora. Mistoksi meta ġara dan kal li da'l cliem sar xi 40 ġurnata kabel id-delitt u meta stakseùh jecc kalx lil Toni, ùiegeb li ma chienx tniffes ma' ħadd, biss meta ġara il cas kal: "Ili nistenniha din il biċċa." Laħkas l-Avucati-Difensuri ma chienu jafu li sejjer jixhed dana.

**Toni Cini** kal li jaf lil Xcora u li dana darba f'saħna ta' demm chisser tazza fuk rasu stess. Dana ġara xi 17 il sena ilu.

**Zeża Gauci** kalet li meta lil Toni ħadulu l'it-tifla chien donnu mitluf m'id-dinja u li ùaħħal f'is-seftura.

**Carmnu Farrugia** kal li meta Toni chien kiegħed igħid lil Camenzuli li ma jżeùùġux l'it-tifla, Camenzuli kal biss "u iva."

**Bertu Caruana,** kal li jaf lil Toni u jaf li chien ħaseb ħażin f'bintu. Chien jaf ucoll b'ir-ricors u ried iseùùi il biċċa.

L'Avucati kalu li ma għandhomx xhud iżjed. Is-seduta tħalliet għal ùara nofs inhar.

F'it-tlieta compla il ġurì.

# FUK KABREC...

*Biss dac li ma jħallix min jibchi*
*ŭarajh ma jista jġarrab l-ebda hena f'kabru.*

FOSCOLO.

Illum, fuk kabrec, bla ma naf, riġlejja
ħiemed ġiebuni;—kalbi nħoss magħsura,
u id-dmugħ bla ħeda ġelben minn għajnejja
x'ħin jien nilmħec haŭnhecc bla mħabba u sura.

Bħal meta xitla tigi m'il buffura,
bla ħniena, mkaċċta fl-art; hecc int minn ħdejja
gejtli misruka. Int seŭ seŭ bħal fjura
gejt bist lil ħajja u fis bkajt dritt għaddejja.

U lili ŭrajc ħallejt biss biex nitnigħed;
u'l kalbi sraktli u sgur mort tfintha miegħec
għa'x f'sidri ma nħossiex x'hin m'n'haŭn nitbigħed.

X'jisŭa li għandi biss għad għoxrin sena?
Ingħix għal fejn? X'nambi d'il ħajja? Tiegħec
intfiet bħal leħħa, u jien fejn se' nsib hena?

II.

*Żeŭġ ħŭejjeġ sbiħ tati il*
*ħajja: l-imħabba u il meŭt.*

LEOPARDI.

Fejn se'nsib hena, għid? min se' jsabbarni
biex nibka ħajti nkatta f'dan l-ugiegħ?
Le! K'ed inħoss jien donnu x'iħabbarni
li miegħec, sgur ma ndumx, nigi nistrieħ.

Cull ma sirt nara collox ifaccarni
fic u f'il ġmiel li ont imżejjna bih;
la il cotba u la'x-xalar, xejn ma jħajjarni;
il gid u l-isem ma nsibhomx ħlief rieħ. . .

Ma Malta u miegħec xtakt li ngħix bi cbira
mħabba marbut sa nislet l-aħħar carba;
pajjisi ntrifes kejsu nsejcna rsira

u inti haŭn mejta, nista katt nistabar?
Bla mħabba u bla pajjis aħjar elf darba
li minsi minn cullħadd nistrieħ ġo'l kabar.

N. VALENZIA.

F'iċ-Cimiterju-f'it-2 ta' Novembru.

# COLONNA SAGRA

## L' Evangelju ta Għada.

Il 21 Ħadd fuk Għid-il-Ħamsin.

SAN MATTEŬ, Cap Tmintax.

"Dac iż-żmien, Gesù kal lid-dixxipuli tigħu din Il parabbola: (a) Is-Saltna tas-smeŭŭiet tigi mxebbħa lil ŭieħed Sultan li ried jagħmel il contijet mal ħaddiema tigħu: u, mita bida igħodd, giebulu ŭieħed li chellu jatiħ għaxar t'elef *talent.* U, billi ma chellux mnejn iħallsu, sidu ried li jinbieħ hu, martu, uliedu u cullma chellu, biex jitħallas. (b) Iżda il ħaddiem, mixħut kuddiemu, bida jitolbu u igħidlu: *Isbirli u inroddloc collox.* U is-sid ħenn għal dac il ħaddiem, bagħtu u ħafirlu dejnu. Imma il ħaddiem, mita ħareġ barra, sab ŭieħed minn sħabu li chellu jatiħ mitt patacca; u ħatfu minn għonku; bida irossu u igħidlu: *Tini li' nsielec.* U sieħbu, mixħut kuddiemu, bida jitolbu u igħidlu: *Isbirli u inroddloc collox.* Imma dac ma riedx: u mar daħħlu il ħabs sa ma iħallas dejnu. Iżda il ħaddiema l'oħra, meta raŭ dan, għeleŭ ŭisk: u marru igħidu cull ma chien ġara lil Sidhom. Allura is-Sid sejjaħlu kuddiemu u kallu: *Ja ħaddiem ħażin; jien, billi tlabtni, ħfirtlec dac id-dejn collu! Melaintima messecx tħenn għal sieħbec, bħalma jien ħennejt għalic?* U is-Sid, magħdub għaliħ, bagħtu għas-sŭat, sa ma iħallas dejnu collu.(c) Hecc ucoll Missieri li hu fis-smeŭŭiet jagħmel lilcom jecc cull ŭieħed minncom ma jaħferx lil ħuħ bil kalb collha."

(a) Din il parabbola hia uisk ċara: is-*Sultan* jigifieri *Gesù Cristu*— il *haddiema* jigifieri il *bniedmin collha* --- dac il *haddiem hazin*, li ma ħaferx *mitt patacca* lil sieħbu, mentri sidu chien ħafer *għaxar t'elef talent* lilu, hua *in-nisrani*, li irid jakla il maħfra ta dnubietu collha minn għand Alla, mentri hu ma jaħferx il min hu ħati għaliħ.

(b) Dac iż-żmien, min ma chienx iħallas dejnu fil ħin, chien jaka irsir ta min icollu jeħu minn għandu: u mhux hu biss, imma saħansitra martu, uliedu u ħuejjġu, għax in-nies chienu jimbigħu bħall bhejjem; u dan il għajb cbir, f'xi rocon tad-dinja, għadu jiġri sa'llum.

(c) Ma għandniex nifmhu li Alla l'imbierec, uara li icun ħafrilna dnubietna, jarġa ineħħilna il maħfra; bħas-sultan tal parabbola; imma li min' ma jaħferx il għajru, uara li Alla min jaf chemm icun ħafirlu dnubiet, icun kiegħed iuebbes il kalb imkaddsa ta Gesù.

Sa haun il Martini.

Patri Curci ifisser li it-*talent* ma chienx biċċa flus, imma użin cbir, biex jintiżnu il flus f'xi ħlas oħxon. It-*talent* ma chienx ta cullħadd xorta uaħda: iżda tal Lhud, fi żmien Cristu, chien jagħmel *nofs kantar. Talent fidda* chien igib 240 lira. Il *patacca* issarraf *sitt soldi u tmien habbiet*: mitt patacca jagħmlu zeuġ liri u ħmistax il xelin. "Hemm kabża cbira (jissocta il Curci) bejn il *mitt patacca* u il *ghaxar t'elef talent* imma chemm hemm iżjed kabża mil ħtija li jagħmel lilna bniedem bħalna sal htija li tuaġġa il min ħalakna!

## Il Kaddisin tal Gimgħa.

Nhar it-Tnejn—bl'abjad - ġurnata fost l'ottava tal Kaddisin-collha - (il Għid tal Imŭiet - bl-isŭed).
Nhar it-Tlieta—li stess.
Nhar l'Erbgħa—bl'abjad - San Carlu Borromeu, Cardinal.
Nhar il Ħamis—bl-abjad - ġurnata fost l'ottava ucoll.
Nhar il Gimgħa—bl-abjad - San Anard, Sacerdot.
Nhar is-Sibt—bl'abjad - ġurnata fost l'ottava bħall'oħrajn.
Nhar il Ħadd—bl'abjad - it-8 ta novembru - it-22 Ħadd fuk Għid-il-Ħamsin. L'Ottava tal Kaddisin-collha.

San Carlu Borromeu chien imnissel minn familja nobilissima, il Papa Piu Sebgħa chien zijuħ u fil pesta li ħakret fi żmienu il belt ta Milan għamel chemm felaħ għall Poplu. Tŭieled fit-2 ta ottubru 1538 u miet fl'4 ta novembru 1584. Chien Arciskof ta Milan: u chien jagħmel tant penitenza, li, barra minn nhar ta Ħadd, chien isum cull jum ħobs u ilma. Chiteb il *Catechismu Tridentinu.* Ħadem ŭisk għal Cnisja u għall pajjisu. Ta 46 sena, kabdu id-deni; u, malli għamlulu is-Sagramenti, li talab hu stess, miet b'daun il chelmiet f'fommu: *Domine, ecce venio—Sinjur, arani gej!* Chien issantificat mil Papa Paulu Ħamsa fis-sena 1610; u fis-sena 1697 saritlu statŭa cbira f'Arona, li ftit haŭn bħala fid-dinja. Gismu jinsab fil grotta tad-Duomo ta Milanu u għadu sa'llum liebes bil mitra u bl'abiti sagri.



# IS-SAHHAR FALZUN

## RUMANZ MALTI ORIGINALI

TA'

## AGOSTINO LEVANZIN

—"Iva" ŭiegibt fis jiena." Calanġ ried jaħrab m'it-tieka iżda ix-xabla ta' Ġannicol ma ħallietux... minfud minn banda għal l-oħra jinsab fgat f'għadira demm f'il bitħa ta' l Cavalier jistenna il chennies biex jiġbru fi xcora u jmur jarmieh il miżbla chif jistħokklu."

—"Nagħli ħafna għal ruħhom... iżda nies ta' d'il katgħa ma humiex ħlief lifgħat ma' r-riġlejn li jagħmlu deni lil cull min jersak lejhom... Alla jaħfrilhom dnubiethom u u jcollu ħniena minnhom..."

—"Marija, la tokgħodx is-seŭŭed kalbec fukhom... issa dac li sar ma hemmx fidŭa għalieh... cull min jagħmel, jaħmel u cull min jixtiek iŭ-deni il ġaru, jigi f'daru... Il kasma ta' kalbi hi li għad baka jferfer dac il misħut ta' Cavalier... dac li hu il percmes ta' collox, dac li għad irid iħallasha kares miegħi u li kabel ma nurih snieni seŭŭa ma 'nsibx mistrieħ ..."

—"U x'sar minnu? Harab ?" Staksiet Marija.

"Iva, irnexxielu jaħrab billi jiena ma ridtx chiecu inħallic ŭaħdec għa'x bżajt li jiġrilec xi ħaġa... meta laħak, f'il camra, Ġannicol, u ħa il ħsieb tiegħec hu dac il għafrid chien laħak għasfar... biss, biex jibka jiftacar fija, farfartlu dakka ta' xabla fuk spalltu li ma nafx meta jeun jista jħarrec driegħu biex jarġa jgħannak ix-xbejbiet tagħna..."

—"Mela drabtu seŭŭa ?" staksiet bħal mibluha Carmena, li sa dac il ħin, f'xifer is-sodda, imkabbda mat-testiera ta' l geŭż, bl-infern ġo kalbha, chienet kiegħda iddomm, chelma b'chelma, dac li chien kiegħed igħidilha ħuha Ambroġ, ħalli tara tistax titchixxef xi ħaġa biex tcun taf chif spiċċa il Cavalier li chienet tant tħobb, u li chien ġa beda jiskigħa tant imrar.

—"Il għajta li għajjat ŭaħħxitni, chienet donnha ta' barri fgat" ŭiegibha Ambroġ, "raitu jixxengħel, ŭara rajt demmu dabra, dabra ma tul it-triek, iżda x'gerha għamiltlu, jecc hix ta' l mcŭt jeŭ le, ma nafx ingħidlec..."

—"Ta' l meŭt?" għajjtet Carmena, "ta' l meŭt?.." u f'il ħin li sfaret bħal żuglanta u irtogħdot bħal xakk ta' kasba, ħbiet ŭiċċa ġo kiegħ idejha u ma felħetx tgħid iżjed.

—"Ma nafx..." kal Ambroġ, "biss naf li jcun ta' gid cbir bla tarf għalija, għal Malta u għal cullħadd, chiecu minn dic il gerha li għamiltlu toħroġ ruħu n tmur fejn jistħokkilha għal ħruxija tiegħu... Ma fhimtx għadec b'iż-żejjed f'liema baħar ta' għali tefagħna il coll fih?.."

Dac il cliem chien kejsu ktar ta' ċomb imdeŭŭeb niczel fuk il kalb ta' Carmena u għalecc biex Ambroġ ma jargax jibda jredden contra il Cavalier staksietu:—

—"U Marija ma kaltlecx chif tŭebbel biha De Saqueville?.."

—"Iva" ŭiegeb Ambroġ, "Marija kaltli collox, ħaġa, b'ħaġa chif tnisslet f'kalbu dic il ħajra misħuta. Kaltli li is-sena l-oħra, lejliet San Ġŭann, niżlet il Belt ma' ta' De Nava u ma ta' D'Aiagona biex jaraŭ il ħġejjeġ billi chienet għadha ma rathom katt. Inti taf li Marija, imħabba f'ommha, billi niżlet għal collox u dejjem imgħaxxa, tista tgħid li tcun fula f'kargħa meta tixref m'ill bieb il barra. Iżda dac inħar, billi marru ħajjru l-ommha ta' De Nava stess u billi il Baruṅissa D'Alagona ŭiegħdet lil Marija, li, sa jiġu, chellha tieħu ħsieb ommha hi stess, Marija tħajjret billi kalulha ŭcoll li daŭna il ħġejjeġ chienu jagħmlu għalihom ħafna nies. Chif ŭaslu il Belt, ix-xagħra ta' barra Putirjal chienet miżgħuda b'il calessi u b'il carrettuni ta'l ħmir. Hafna nisa mi' l campanja, bl-imcatar imżeŭkin b'elf leŭn, marbutin għokda taħt leħithom; ħafna żgħażaħ, m'irħula ucoll, chienu kiegħdin jitmesilħu u jindehsu biex ichellmu xi ftit li'x-xbejbiet li niżlu mdandnin kejshom għal ŭirja; u għagħa cbira ta' bejjiegħa, ta' zhir, ta' nħiek, ta' għana, ta' "ħarra, ħarra," ta' "ŭarrab," ta' cekcik ta' l ġniegel ta' l ħnienak, ta' cempil ta' xi chitarri, ta' tŭiddib ta' n-nies ta'd-Dejma li chienu jgħassu biex collox jimxi b'ŭiċċ il gid, u ma' dan il kniepel ta' San Ġŭan li collha ferħana għa'x ġodda u għa'x ta' l festa ma ħdeŭ xejn ma tul dic il għaxija collha mi'd-dakk li chien ifarraġ il klub ta' l insara.

*(jissocta.)*

Billi ridt noħroġ in-"Naħla" cmieni it-tŭiegib ta'l-logħob ingibu darb'oħra.


DANA IN-NUMRU JIMBIEĦ FL-UFFIĊĊJU TIEGĦI, KUDDIEM SAN ĠŬANN SEUUA, **ZEUG SOLDI CULL COPJA**, FEJN JIMBIGĦU UCOLL IN-NUMRI LI HARĠU KABEL B'IS-**SOLD U NOFS IL UIEHED.**

HAREĠ IL CTIEB SABIH
**"IL MAHBUB TA' GESÙ."**
TA' S-SUR ĠUŻE MUSCAT AZZOPARDI, B'IL ĦAJJA U B'IR-RITRATT TA' L' AŬTUR, B'IN-NOTI U BI STAMPA SABIĦA "SAN ĠŬANN EVANGELISTA F'PATMOS."
DANA IL CTIEB HU STAMPAT FUK CARTA M'IL L-IFIEN U GĦALCHEMM FIH FUK IL GĦOX-RIN FAXXICLU SEJJER JIMBIEĦ **XELIN U NOFS BISS** IL COPJA. MIN ĦA L-EŬŬEL TNAX IL FAXXICLU U MA KAGĦBARHOMX IGIBHOMLI U JIENA NATIEH UIEHED MEĦJUT U LEST. IXTRUH HALLI TAKRAU CTIEB TASSEU SABIH.

Min irid icollu fuku libsa meħjuta suret in-nies u bi drappijiet fini jmur għand Ġanni Valenzia, f'it-Triek ta'l Cnisja, Bormla, u ma jibdielux.

Min irid jitgħallem ifassal seŭŭa ilbiesi ta'l-irgiel u ta'nnisa imur għand il Professur Vincenzo Grech, Strada Alessandro, No 5 (fuk Putirjal) il Belt, li tgħallem fl-Accademji ta' Londra, ta' Parigi, u ta' Torin.

Tridu tpejjpu sigarretti m'il l-aħjar u m'il l-orħos?
Ixtru is-sigarretti "Imperial" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbihu f'il ħŭienet principali.


Stamperija «Excelsior» 37, Strada San Giovanni, Il Belt.